# KUNSILL LOKALI
# IL-MUNXAR

# RAPPORT ANNWALI AMMINISTRATTIV 2021

**WERREJ**


1. REVIŻJONI TAX-XOGĦLIJIET 2-4
2. IL-KUNSILL 5
3. VARJAZZJONIJIET FID-DĦUL U L-INFIQ 6-8
4. DIKJARAZZJONI RIKONĊILJATORJA BANKARJA 9

IR-RAPPORTI DWAR IL-ĦIDMA TAL-MEMBRI TAL-KUNSILL



*Ippreparat minn Ryan Debrincat*

## *1. Reviżjoni tax-Xogħlijiet*

Ser inkunu qed nagħtu ħarsa lejn ix-xogħol u l-progress li għamel il-Kunsill Lokali Il-Munxar matul l-aħħar sena ta' ħidma. Dan ir-Rapport Amministrattiv hu għas-sena 2021.

**OFFERTI GĦAL XOGĦLIJIET, MATERJAL U SERVIZZI**

Matul is-sena 2021, ġew ippubblikati dawn is-sejħiet għall-offerti:

- Xogħol ta' tisbieħ ta' Pjazza tal-Knisja fil-Munxar;
- Xogħol ta' restawr tal-intern tat-Torri Tax-Xlendi inkluż sistema ta' pannelli fotovoltajiċi;
- Provvediment u installazzjoni ta' turf artifiċjali fil-grawnd tal-football;
- Provvediment u installazzjoni ta' EPDM INSITU *Safety Flooring* fi Ġnien il-Professur Ġuże' Aquilina;
- Xogħol ta' tisbieħ fi Triq L-Isqawi fil-Munxar;
- Servizz ta' ġbir ta' skart riċiklabbli;
- Xogħol ta' installazzjoni ta' *smart waste depots* fix-Xlendi.

**IL-ĦIDMA TAL-KUNSILL**

Bħal kull Kunsill Lokali ieħor f' Malta u f'Għawdex, il-Kunsill tal-Munxar huwa responsabbli minn diversi funzjonijiet obbligatorji u dawn huma fost l-oħrajn:

- Il-ġbir tal-iskart domestiku, riċklabbli u tal-ħġieġ bieb bieb;
- Servizz ta' ġbir tal-iskart goff;
- *Bring-in site* għas-separazzjoni tal-iskart fix-Xlendi;
- It-tindif u ż-żamma fi stat tajjeb tat-toroq, il-latrini pubbliċi, il-ġonna u l-postijiet ta' rikreazzjoni, is-sinjali u l-marki tat-traffiku;
- It-tiswija tal-lampi tat-toroq;
- Komunikazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti biex isiru xogħlijiet u proġetti kif ukoll estensjoni ta' xi servizzi fil-lokalita`;
- Organizzazzjoni ta' attivitajiet kulturali, sportivi u edukattivi;
- Tħaris tal-ambjent naturali u urban tal-lokalità.

## *1. Reviżjoni tax-Xogħlijiet*

### ĦIDMA SOĊJALI

Ser insemmu wħud mill-attivitajiet li ġew organizzata fil-qasam soċjali, Din is-sena l-attivitajiet kienu limitati minħabba l-pandemija tal-COVID 19:-

- Ħarġiet kulturali f'Malta u f'Għawdex għan-nies u t-tfal tal-lokalita`;
- *Streaming* tal-laqgħat *online*;
- Fix-xhur tas-sajf, ġiet organizzata l-Fjakkolata Tradizzjonali fix-Xlendi;
- Servizz ta' tilqim tal-labra tal-influwenza;
- Fakkarna Jum Il-Munxar, it-12 ta'Diċembru. Saret quddiesa fil-Knisja Parrokkjali tal-Munxar u wara serata tal-okkażżjoni fiċ-Ċentru Parrokkjali. Din is-sena bħal kull sena ingħata l-premju Ġieh Il-Munxar kif ukoll rikonoxximent lill-membri tal-Kumitat tas-Sezzjoni Żgħażagħ Pawlini Munxarin f'għeluq l-għaxar anniversarju mit-twaqqif tas-sezzjoni;
- Tiżjin ġdid tal-Milied fit-toroq tal-Munxar u tax-Xlendi;
- Kunċert mużikali tal-Milied fil-Knisja Parrokjali;
- Attivita' taħt it-tinda fil-Pjazza tal-Knisja bis-sehem ta' korijiet u solisti;
- *3D-Mapping* mal-faċċata tal-Knisja bit-tema ta' Milied;
- *Meet & Greet* taħt it-tinda fil-Pjazza tal-Knisa b'diversi karattri animati tal-Milied;
- Tqassim ta' ikla b'xejn lill-anzjani li jgħixu waħedhom nhar Jum il-Milied;

### PROĠETTI U XOGĦLIJIET OĦRA

- Wara li l-Kunsill ingħata l-permess mill-Awtorita' tal-Ippjanar u ħarġet is-sejħa għall-offerti, beda x-xogħol ta' tisbieħ fl-aħħar parti tal-proġett tal-Pjazza tal-Knisja fil-Munxar;
- Tlesta x-xogħol ta' restawr tat-Torri tax-Xlendi tal-faċċati ta' barra;
- Wara l-proċess tas-sejħa għall-offerti beda wkoll ix-xogħol ta' restawr u rijabilitazzjoni tal-intern tat-Torri tax-Xlendi li se jinkludi interpretation centre ġdid u sistema ta' pannelli fotovoltajiċi;
- Wara li l-Kunsill inigħata l-permess mill-Awtorita' tal-Ippjanar beda x-xogħol ta' riġenerazzjoni tax-Xelters tal-Gwerra fil-Pjazza tal-Knisja;
- Ġiet aċċettata l-applikazzjoni għall-fondi Ewropej biex isir xogħol ta' tisbieħ fl-inħawi ta' Triq L-Isqawi;

## *1. Reviżjoni tax-Xogħlijiet*

- Ġiet aċċettata l-applikazzjoni għall-fondi Ewropej biex jiġu restawrati diversi ħitan tas-sejjieħ fil-lokalita' fosthom fi Triq Santa Dminka, Triq L-Isqawi, Triq it-Tempju Megalitiku u fl-inħawi ta' Sanap Cliffs;
- Ġiet sottomessa u milqugħa applikazzjoni għall-fondi ewropej biex flimkien ma' Munxar Falcons FC u Otters ASC jinbidel is-safety mat ta' Ġnien il-Professur Aquilina, jinbidel it-turf sintetiku tal-grawnd tal-Munxar, kif ukoll issir 'Swim Polo Campaign' fil-bajja tax-Xlendi u diversi bajjiet oħra madwar Għawdex;
- Ġiet sottomessa u milqugħa applikazzjoni sabiex isir manutenzjoni estensiva fi Ġnien il-Professur Ġuże' Aquilina li tinkludi *playhouse* ġdida u sistema ġdida ta' dwal f'dan il-ġnien;
- Żbir ta' diversi siġar fil-lokalita';
- Xogħol ta' żamma u manutenzjoni fil-Wied tax-Xlendi;
- Bini ta' *storm water culverts*;
- Manutenzjoni ta' ġonna u *soft areas*;
- Kostruzzjoni ta' diversi bankini fil-Munxar u fix-Xlendi;
- Bdilna għadd ta' tabelli tat-traffiku u ta' informazzjoni u saru oħrajn ġodda;
- Bdilna diversi mirja tat-traffiku miksura u waħħalna oħrajn ġodda;
- Fuq talbiet ta' residenti, waħħalna numru ta' bozoz ġodda;
- Ipprovdejna l-materjal li kien hemm bżonn biex saru x-xogħlijiet ta' manutenzjoni fil-bajja tax-Xlendi mill-ħaddiema tal-Beach Cleaning Section;
- Qtugħ ta' ħaxix madwar il-lokalita';
- Sar xogħol ta' *patching* fil-Munxar u fix-Xlendi.

Dawn ix-xogħlijiet huma biss uħud mix-xogħlijiet li l-Kunsill Lokali Il-Munxar kien impenjat jaħdem fuqhom matul din l-aħħar sena ta' ħidma. Nemmnu li dawn ix-xogħlijiet u oħrajn għenu biex kompla jitjieb l-ambjent kemm fil-Munxar kif ukoll fix-Xlendi.

**Damien Spiteri**
**Sindku**

**Ryan Debrincat**
**Segretarju Eżekuttiv**

# ATTENDENZA FIL-LAQGĦAT

## KUNSILL LOKALI Il-MUNXAR

Numru ta' laqgħat fis-sena 2021: 17

| Pożizzjoni | Attendenza tal-Laqgħat |
|---|---|
| **Sindku** | |
| Damien Spiteri | 100% |
| **Viċi-Sindku** | |
| Carmela Parnis | 100% |
| **Kunsilliera** | |
| Joseph Cauchi | 88% |
| Mark Busuttil | 88% |
| Juliet Attard | 77% |
| **Segretarju Eżekuttiv** | |
| Ryan Debrincat | 100% |

## 3. *Varjazzjonijiet Fid-Dħul u l-Infieq*

### 3.1 L-Iskeda tal-Varjazzjonijiet Konsolidati tad-Dħul u l-Infiq

| | a | b | c | a-b/b-a | a-c/c-a |
|---|---|---|---|---|---|
| **DESKRIZZJONI** | **2021 ATTWALI €** | **2021 BUDGET €** | **2020 ATTWALI €** | **2021 BUDGET VAR €** | **2021 ATTWALI VAR €** |
| **Dħul** | | | | | |
| Tal-Gvern | 331,833 | 308,395 | 305,858 | 23,438 | 25,975 |
| Bye-laws | 42,438 | 38,850 | 34,265 | 3,588 | 8,173 |
| Investiment | | 50 | | (50) | |
| TOTAL | **374,271** | **347,295** | **340,123** | **26,976** | **34,148** |
| **Infieq** | | | | | |
| Salarji u Pagi | 105,095 | 102,927 | 99,758 | (2,168) | (5,337) |
| Manutenzjoni u Xogħlijiet oħra | 200,207 | 216,185 | 159,146 | 15,978 | (41,061) |
| Infieq Kapitali | 83,825 | 58,074 | 75,062 | (25,751) | (8,763) |
| TOTAL | **389,127** | **377,186** | **333,966** | **(11,941)** | **(55,161)** |
| **Bilanċ** | **(14,856)** | **(29,891)** | **6,157** | **15,035** | **(21,013)** |

## 3. *Varjazzjonijiet Fid-Dħul u l-Infieq*

### 3.2 L-Iskeda tal-Varjazzjonijiet fid-Dħul fid-Dettall

| | a | b | c | a-b | a-c |
|---|---|---|---|---|---|
| **DESKRIZZJONI** | **2021 ATTWALI €** | **2021 STIMA €** | **2020 ATTWALI €** | **2021 BUDGET VAR €** | **2021 ATTWALI VAR €** |
| **Dħul** | | | | | |
| Tal-Gvern | | | | | |
| Annwali | 296,396 | 296,395 | 283,785 | 1 | 12,611 |
| Supplimentari | 35,437 | 12,000 | 22,073 | | 13,364 |
| Bżonnijiet Speċjali | | | | | |
| Entitajiet Pubbliċi/Governattivi | | | | | |
| Oħrajn | | | | | |
| | **331,833** | **308,395** | **305,858** | **1** | **25,975** |
| Bye-Laws | | | | | |
| Servizzi Komunitarji | 7,777 | 4,000 | 6,144 | 3,777 | 1,633 |
| Kontravvenzjonijiet ta' bye-laws | 985 | 500 | 585 | 485 | 400 |
| Kontribuzzjonijiet u donazzjonijiet | | | | | |
| Ġenerali | 33,676 | 34,350 | 27,536 | (674) | 6,140 |
| | **42,438** | **38,850** | **34,265** | **3,588** | **8,173** |
| Investiment | | | | | |
| Interess Bankarju | | 50 | | (50) | |
| Sigurtajiet tal-Gvern | | | | | |
| | | **50** | | **(50)** | |
| **TOTAL** | **374,271** | **347,295** | **340,123** | **3,539** | **34,148** |

## 3. *Varjazzjonijiet Fid-Dħul u l-Infieq*

### 3.3 L-Iskeda tal-Varjazzjonijiet fl-Infiq fid-Dettall

| DESKRIZZJONI | a<br>2021<br>ATTWALI<br>€ | b<br>2021<br>STIMA<br>€ | c<br>2020<br>ATTWALI<br>€ | b-a<br>2021<br>BUDGET VAR<br>€ | c-a<br>2021<br>ATTWALI VAR<br>€ |
|---|---|---|---|---|---|
| **Infçq** | | | | | |
| Salarji u Pagi | | | | | |
| Onorarja tas-Sindku | 10,571 | 11,000 | 10,404 | 429 | (167) |
| Salarji u pagi ta' l-impjegati | 68,769 | 65,000 | 65,335 | (3,769) | (3,434) |
| Bonus | 5,418 | 6,500 | 4,320 | 1,082 | (1,098) |
| Dħul Supplimentari | 727 | 727 | 727 | | |
| Kontribuzzjonijet ta' Sigurta Soċjali | 6,468 | 6,200 | 5,972 | (268) | (496) |
| 'Allowances' | 13,000 | 13,000 | 13,000 | | |
| 'Overtime' | 142 | 500 | | 358 | (142) |
| | **105,095** | **102,927** | **99,758** | **(2,168)** | **(5,337)** |
| Manutenzjoni u Xogħlijiet oħra | | | | | |
| Dawl, ilma, telefon,etc. | 3,869 | 7,500 | 4,122 | 3,631 | 253 |
| Xiri ta' Materjal (Materials & Supplies) | 560 | 1,000 | 1,096 | 440 | 536 |
| Tiswijiet u manutenzjoni | 18,611 | 25,000 | 10,203 | 6,389 | (8,408) |
| Kera | 4,110 | 3,700 | 6,854 | (410) | 2,744 |
| Sħubija f'Assoċjazzjonijiet Int. | 500 | 750 | 500 | 250 | |
| Spejjeż tal-Uffiċċju | 3,736 | 3,500 | 1,840 | (236) | (1,896) |
| Trasport | 1,728 | 3,000 | 1,243 | 1,272 | (485) |
| Vjaġġar/safar | | | | | |
| Informazzjoni għall-Pubbliku | 110 | 900 | 210 | 790 | 100 |
| Servizzi b' Kuntratt | 113,597 | 127,135 | 101,347 | 13,538 | (12,250) |
| Servizzi Professjonali | 17,400 | 18,000 | 11,896 | 600 | (5,504) |
| Training | | 900 | | 900 | |
| Ospitalita u servizzi lill-Komunita` | 35,474 | 17,500 | 19,102 | (17,974) | (16,372) |
| Spejjeż Inċidentali | 512 | 7,300 | 733 | 6,788 | 221 |
| | **200,207** | **216,185** | **159,146** | **15,978** | **(41,061)** |
| Infieq Kapitali | | | | | |
| Xiri ta' proprjeta` | | | | | |
| Bini | | | | | |
| Titjib | 13,078 | | 1,604 | (13,078) | (11,474) |
| Makkinarju u Apparat | | | | | |
| Proġetti Speċjali | 70,747 | 58,074 | 73,458 | (12,673) | 2,711 |
| | **83,825** | **58,074** | **75,062** | **(25,751)** | **(8,763)** |
| **TOTAL** | **389,127** | **377,186** | **333,966** | **(11,941)** | **(55,161)** |

## *4. Dikjarazzjoni Rikonċiljatorja Bankarja*

### **Kont HSBC Bank Account** 071-115034-001

| | |
|---|---|
| **Bilanċ fuq id-dikjarazzjoni tal-Bank** | 733,475.35 |
| Għodd id-depożiti li saru sal-31 ta' Diċembru 2021 li ma jidhrux fuq id-dikjarazzjoni tal-Bank | |
| Naqqas il-*withdrawals* li saru li ma jidhrux fuq id-dikjarazzjoni tal-Bank | 2,937.43 |
| **Bilanċ Nett tal-Bank** | **730,537.92** |

| | |
|---|---|
| **Bilanċ fil-Ktieb tal-Bank fil-31 ta' Diċembru 2021** | 730,537.92 |
| Għodd l-interess li tħallas sal-31 ta' Diċembru 2021 | 0 |
| Naqqas ic-*charges* imħallsa sal-31 ta' Diċembru 2021 | 0 |
| **Bilanċ Nett tal-Bank** | **730,537.92** |

### **Kont Bank of Valletta Savings** 12415297027

| | |
|---|---|
| **Bilanċ fuq id-dikjarazzjoni tal-Bank** | 6,912.39 |
| Għodd id-depożiti li saru sal-31 ta' Diċembru 2021 li ma jidhrux fuq id-dikjarazzjoni tal-Bank | 0 |
| Naqqas il-*withdrawals* li saru li ma jidhrux fuq id-Dikjarazzjoni tal-Bank | 0 |
| **Bilanċ Nett tal-Bank** | 6,912.39 |

| | |
|---|---|
| **Bilanċ fil-Ktieb tal-Bank fil-31 ta' Diċembru 2021** | 6,912.39 |
| Għodd l-interess li tħallas sal-31 ta' Diċembru 2021 | 0 |
| Naqqas ic-*charges* imħallsa sal-31 ta' Diċembru 2021 | 0 |
| Bilanċ Nett tal-Bank | 6,912.39 |